# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

# DECIZJONI NRU. 788

KAZ NRU. 916

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol

bejn

John Attard

u

Sea Malta Co Ltd

dwar tkeccija mill-impjieg allegata li hi ngusta

Data : 28 ta' Jannar 1997

**Chairman : Is-Sur Maurice J.V. Bonello M.B.E.**

Dan il-kaz gie riferit lit-Tribunal Industrijali mill-Onorevoli Ministru ta' l-Edukazzjoni u Rizorsi Umani permezz ta' ittra Ref. Nru. ME 4/95/23 tat-tnejn (2) ta' Marzu, 1995 skond il-provvedimenti tal-Artiklu 28(2) ta' Kapitolu 266 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghall-Kumpanija deher is-sur Charles Zammit assistit mill-avukat Professur Ian Refalo waqt li l-appellant kien assistit mill-avukat Anthony Farrugia.

Fil-bidu tas-smigh il-Kumpanija qajmet eccezzjoni preliminarja fis-sens illi t-Tribunal ma kienx kompetenti jisma' dan il-kaz ghax jaqa' taht il-provvediment tal-"Merchant Shipping Act". It-Tribunal wara li kkunsidra din l-eccezzjoni ddecieda illi hu kompetenti biex jittratta l-kaz. Il-Kumpanija rriservat il-pozizzjoni taghha.
It-Tribunal zamm tlettax-il seduta

.

**RIKORRENZI**

L-appellant, John Attard, kien impjegat bhala kok fuq il-vapur “Pinto”. Fl-1 ta’ Dicembru, 1993 Attard kien involut f’incident ma’ Henry Farrugia, assistent kok, abbord il-vapur. f’Livorno, Italia. Kellhom jindahlu l-Pulizija Taljana u bhala rizultat il-vapur inzamm ghal xi sighat oltre l-hin tat-tluq tieghu bil-konsegwenza illi l-Kumpanija tghabbiet bi spejjez zejda. Fl-incident, l-appellant garrab ferita f’mohhu li kellha bzonn il-punti meta l-appellant u Henry Farrugia irritornaw lura Malta, il-Kumpanija hatret bord ta’ dixxiplina. Il-Bord ghamel l-istharrig tieghu, wasal ghall-konkluzzjoni illi Attard u Farrugia kienu hatja ta’ ksur tar-regoli dixxiplinarji tal-Kumpanija. Il-Kumpanija ddecidiet illi tittermina l-impjieg ta’ Attard u Farrugia. Sussegwentement, Attard ghadda proceduri kriminali quddiem il-Qorti tal-Magistrati. Huwa gie liberat mill-akkuzi kontra tieghu. Attard deherlu illi huwa ma kellux tort fl-incident ma’ Farrugia u li tkecca ngustament.

**KUNSIDERAZZJONIJIET**

Il-Kumpanija sostniet illi l-crew fuq kull vapur ta’ Sea Malta huma soggetti ghar-regoli tad-dixxiplina tal-Kumpanija. Dan huwa korrett. Attard u Farrugia t-tnejn ghaddew bord ta’ dixxiplina, kellhom l-opportunita’ jressqu d-difiza taghhom, u l-bord sab illi t-tnejn kisru r-regoli tad-dixxiplina.

Meta Attard gie akkuzat quddiem il-Qorti tal-magistrati bhala Qorti ta’ gudikatura kriminali b’attentat li jferi lil Farrugia b’arma, huwa gie liberat minhabba nuqqas ta’ provi, Fil-fatt Farrugia ma xehedx fil-kaz.

Mix-xhieda li sema’ t-Tribunal, irrizulta illi Farrugia kien xurban fil-hin tal-incident. Jidher illi Attard li huwa kok kien pprovokat minn Farrugia u li uza sikkina li kellu f’idejh biex jiddefendi ruhu meta Farrugia ghamel ghalih.

Bhal ma ntqal izjed il-fuq, il-Kumpanija ghandha d-dritt kollu, anzi l-obbligu, illi zzomm id-dixxiplina abbord. L-unika haga li hija ghal thassib ghat-Tribunal hija jekk il-verdett tal-Bord kien ikun differenti jew b’xi mod modifikat, kieku l-Bord kien jaf bl-ezitu tal-kaz quddiem il-Qorti. Ghalkemm l-anologija mhux necessarjament tapplika ir-regola quddiem dan it-Tribunal meta jkun hemm kawza ghaddejja l-Qorti fuq l-istess suggett, it-Tribunal jistenna l-ezitu ta’ din il-kawza. Pero’ l-Kumpanija sostniet illi hija timxi skond ir-regoli ta’ dixxiplina taghha rrispettivament minn xi kawza fil-Qorti.

It-Tribunal jifhem u japprezza illi t-tip ta’ dixxiplina li trid tinzamm abbord vapur huwa differenti minn bnadijiet ohra. Il-kaptan ma jistax ikollu membri tal-ekwipagg li jista’ jaqilghu t-trouble. Ghalhekk kemm Attard kif ukoll Farrugia kellhom jintbaghtu lura Malta bl-ajru.

Dan involva l-Kumpanija bi spejjez addizzjonali, apparti milli kellha tibghat zewg crewmen biex jiehdu post Attard u Farrugia fil-vjagg lura Malta. It-Tribunal jidhirlu illi Attard kellu mezz biex jevita dak li gara u jevita l-akkuzi kontra tieghu allavolja jidher li Farrugia li kien xurban kien il-kawza tal-incident. Attard seta’ kif irrimarka l-Bord hareg mill-kcina u rrapporta lill-Kaptan u jhalli f’idejh biex jiehu l-passi mehtiega.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-mottivi, t-Tribunal ma jistax jaccetta illi t-tkeccija ta’ John Attard kienet ingusta allavolja ma jidhirx li kien hu li pprovoka l-incident. Huwa jmissu uza aktar prudenza f’lok jirreagixxi kif ghamel bil-konsegwenzi li segwew.

Ghal-finijiet tar-Regolamenti tal-1986 (A.L. 48 tal-1986) dwar drittijiet li jithallsu maghmula taht il-Kapitolu 266 tal-Ligijiet ta’ Malta, t-Tribunal qieghed jintaxxa lil kull wiehed miz-zewg difensuri d-dritt ta’ tmienja u ghoxrin liri maltin (Lm28).

B’hekk tintemm din il-Kwistjoni tax-Xoghol.

----------------------
**Maurice J.V. Bonello**
**CHAIRMAN**

--------------------
**Joyce Agius**
**SEGRETARJA**

mrg